**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 4 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 63/12 AL

**A B numru tal-karta tal-identita 308481 M f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri S u R ahwa B**

**vs**

**C B numru tal-karta tal-identita numru 70869 M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, illi permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-23 ta' Jannar 1999 (Dok A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal Shaun, imwieled fit-30 ta' Gunju 1999 u R imwieled fis-7 ta' Novembru 2005 (Dokti B u C) u li ghadhom minorenni;
2. Illi l-hajja mizzewga bejn l-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi kommessi kontriha mill-konvenut, u/jew minhabba li tkissret irrevokabilment kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
3. Illi l-esponenti ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega minn din il-Qorti sabiex tipprocedi f'din l-istanza wara li itterminaw il-proceduri ta' medjazzjoni

skont il-ligi (Dok A);

4. Illi ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u ghalhekk qed issir il-kawza bl-ispejjez kontra il-konvenut;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. M'ghandhiex tigi ippronunzjata id-divorzju bejn il-konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u ingurji gravi li l-konvenut ikkometta kontra martu l-attrici, u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;
2. M'ghandhiex l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri Shaun u R ahwa B salv l-access tal-konvenut skont l-ahjar interess tal-minuri;
3. M'ghandu l-imsemmi konvenut jigi ikkundannat li jhallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri dik ir-retta alimentarja xieraq u adegwat lilha dovuta skont il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu iffissati minn din il-Qorti kif ukoll b'garanzija ghall-imsemmi hlas skont il-Ligi;
4. Minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, m'ghandhiex din il-Qorti minflok tillikwida retta alimentarja perjodika ghall-esponenti in toto jew in parte,  tillikwida somma kapitali u/jew tassenja proprjeta immobiljari lill-attrici bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 54 (5), (6), (7) u 7 (8) tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta);
5. M'ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte;
6. M'ghandhiex din il-Qorti tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida il-beni formanti parti l-istess komunjoni okkorrendo b'opera ta' perit nominand, u billi tigi stabbilita data li minn dik id-data il-konvenut jitqies li ikun iddekada minn kull akkwist li sar mill-attrici, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwalita kontumacja fuq l-istess att u billi tinkludi fis-sehem spettanti lill-attrici sehem il-konvenut mid-dar matrimonjali tal-partijiet;
7. M'ghandhiex tapplika favur l-istess rikorrenti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 55A tal-Kodici Civili (Kap. 16) tal-Ligijiet ta' Malta billi tigi allokata sehem sostanzjali mir-rikavat tal-bejgh tad-dar marimonjali biex tkun sgurata akkomadazzjoni xierqa ghaliha u ghat-tfal;

8. M'ghandhiex din il-Qorti minghajr pregudizzju ghat-talba precedenti, tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali bl-isem 30 fi Triq is-Sorijiet San Giljan, vita durante ad eskuzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop;
9. M'ghandhiex tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni / krediti paraferali jew dotali taghha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni;

Bl-ispejjez – komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni – kontra il-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha jeccepixxi : (fol. 18)

1. Illi huwa ma jopponix illi tigi ppronunzjata is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' din ghandha tigi pponunzjata minhabba htijiet imputabbli lill-attrici;
2. Illi l-esponent jopponi ghat-tieni talba stante illi l-kura u kustodja tal-minuri Shaun u R ahwa B, fl-interess suprem tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta, u l-modalita ta' access ghandha tkun wahda adegwata sabiex ma jigix imxekkel l-izvilupp normali tar-relazzjoni bejn il-konvenut u uliedu;
3. Illi l-esponent ma jopponix in parte ghat-tielet talba fis-sens illi ma jsib ebda oggezzjoni li jissoministra manteniment lill-attrici ghal uliedhom Shaun u R B, kif wara kollox qed jaghmel diga, izda jopponi ghat-talba ta' manteniment ghall-attrici innifsiha stante illi tahti hi ghat-tkissier taz-zwieg tal-konjugi B u dana kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza. Illi inoltre ma hemm ebda raguni ghaliex l-esponenti, li jigi puntwalizzat ghandha biss wiehed u tletin sena (31) ma ghandhiex issib impjieg. Illi dwar it-talba dwar iz-zieda perjodika ta' l-gholi tal-hajja ghall-manteniment ta' uliedu, l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni illi dan jizdied perjodikament izda dwar it-talba ta' garanzija ghall-imsemmi hlas, l-eccipjenti jirriserva li jirrispondi ulterjorment una volta l-attrici tindika precizament taht liema disposizzjoni tal-ligi tikkonfigura dina l-garanzija;
4. Illi r-raba' talba ghandha tigi respinta in toto stante illi l-esponenti hi hatja ta' sevizzi, eccessi, minacci, mohqrija u

ingurji gravi u allura iddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment mill-konvenut kif ser jirrizulta pjenament waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza. Illi di piu', l-esponent ma jara l-ebda raguni ghaliex l-attrici, mara b'sahhitha ta' wiehed u tletin sena ma ghandhiex issib impjieg;

5. Illi il-hames talba ghandha tigi respinta in toto stante illi hija l-attrici li tahti ghat-tkissier ta' dan iz-zwieg u allura is-sanzjonijiet kontemplata fil-hames talba ma japlikawx fil-konfront tal-konvenut;
6. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti pero hija l-istess attrici li ghandha tigi penalizzata stante s-sevizzi, minacci, mohqrija u ingurji gravi lilha imputabbli fil-konfront tal-konvenut u ghalhekk ghandha tigi stabbilita data li minn dak il-jum 'il quddiem li l-attrici titqies li tkun iddekadiet hi minn kull akkwist li jkun ghamel il-konvenut;
7. Illi in kwantu is-seba talba ghandu jigi punwalizzat illi l-esponent jidditjeni tliet kwarti indivizi tal-proprjeta b'dana illi nofs indiviz hu propjeta parafernali tal-konvenut stante li gie minnu akkwistat qabel iz-zwieg ma l-attrici u ir-rimanenti nofs indiviz hu akkwista flimkien ma' l-attrici fiz-zwieg. Illi ghandu jigi puntwalizzat illi l-attrici ghandha post alternattiv fejn tghix u in oltre l-esponent hu dispost li jhallas lill-attrici sehemha, ossia kwart indiviz, mid-dar matrimonjali;
8. Illi it-tminn talba ghandha tigi michuda, stante illi ma jirrizultawx l-estremi rikjesti mill-Ligi, Jigi punwalizzat li l-attrici qed taghmel minn kollox sabiex tapprofitta ruhha u tipponta tghix vita durante f'immobbli li nofsu hu parafernali tal-konvenut u li minnu hi tidditjeni biss kwart indiviz. Illi jekk in pessima ipotezi dina il-Qorti takkolji din it-talba allura ikun veru kaz ta' arrikkiment ingunt;
9. Illi dwar id-disa talba l-attrici ghandha telenka il-beni u krediti parafernali u tipprova l-provenzjenza ta' l-istess;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, illi permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta nhar it-23 ta' Jannar 1999 u minn dan iz-zwieg twieldu Shaun u R ta' tnax-il sena u sitt snin rispettivament;

2. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibbli minhabba, sevizzi, ingurji gravi, theddid u vjolenza morali kommessi da parti ta' l-attrici u inkompatibilita ta' karattru;
3. Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema diga gie esebit mill-attrici;

Talab li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja id-divorzju bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici kif hawn fuq spjegat;
2. Takkorda il-kura u kustodja tal-minuri Shaun u R konguntivament bejn il-partijiet b'dana illi prevja li jinhatar social worker sabiex jirrelata dwar l-istess tordna ma liema genitur ghandhom jirrisjedu il-minuri salv id-dritt ta' access adegwat liz-zewg partijiet ghal minuri skont l-ezigenzi u l-htigijiet ta' l-istess minuri;
3. Tapplika kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili;
4. Prevja li tiddikjara illi nofs indiviz tad-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali ta' l-esponenti, tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, b'dana illi jigu applikati is-sanzjonjiet imsemmija fit-tielet talba, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;
5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja tal-konvenut f'kaz ta' bzonn;
7. Tikkundanna lill-attrici tirrestitwixxi lill-esponenti il-proprjeta kollha tieghu parafernali u dotali jew il-valur taghha;
8. Tillikwida kreditu favur il-konvenut u tikkwalifika l-istess bhala kreditu tal-konvenut kontra l-komunjoni ta' l-akkwisti, somon u flejjes avvanzati mill-familjari tal-konvenut ghall-bzonnijiet tal-familja u restituzzjoni tad-dejn tal-partijiet;

Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta in subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat il-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha teccepixxi :

1. Illi a skans ta' ripetizzjoni taghmel riferenza ghall- premessi u talbiet taghha fir-Rikors Guramentat fuq premess, li permezz tal-istess qed titlob dikjarazzjoni ta' htija ghall-firda imputabbli unikament lill-istess konvenut rikonvenzjonant u ghat-talbiet kollha taghha hemm dedotti li ghandhom jifformaw parti integrali ta' din ir-Risposta Guramentata.
2. Illi teccepixxi li t-talbiet rikonvenzjonali, in kwantu inkompatibbli fil-fatt u fid-dritt mat-talbiet attrici, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.
3. Illi l-intimat qed jaghmel minn kollox biex jaljena it-tfal minn maghha u juzahom ghall-iskopijiet egoistici tieghu. Hija l-eccipjenti li hija l-primary carer tat-tfal u din l-Qorti ghandha tintervjeni fl-ahjar interess tal-minuri biex tipprotegihom mill-effetti negattivi li qed ikollhom jissapportu minhabba l-agir tal-konvenut.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, hi tichad it-tortijiet lilha addebitati u teccepixxi li m'ghandhomx jigu applikati kontriha s-sanzjonijiet mitlub fit-tielet (3) talba rikonvenzjonali.
5. Illi filwaqt li taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejniethom ghandha tigi xjolta u likwidata, din il-Qorti m'ghandhiex tillimita ruhha ghal konsiderazzjoni li nofs (1/2) indiviz mid-dar matrimonjali hija parafernali ghal konvenut imma, izda ghandha tapplika favur l-esponenti id-disposizzjonijiet tal-artikolu 55A kif ammendat bl-att XIV tal-2011;
6. Hemm qbil dwar il-hames (5) talba rikonvenzjonali u sabiex jigi nominat kuratur ghal eventwali kontumacja tal-konvenut.
7. Is-seba` (7) talba rikonvenzjonali (stante li ma hemmx talba bin-numru 6) ukoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez inkwantu infondata fil-fatt u fid-dritt.
8. It-tmien (8) talba rikonvenzjonali wkoll ghandha tigi michuda in kwantu li hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta fit-trattazzjoni.
9. Illi ghalhekk l-istess esponenti m'ghandhiex tbati ebda spejjez ghal dawn il-proceduri.
10. Salvi Eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia u d-dokumenti esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-lum stess l-4 t'Ottubru 2017, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi sabiex it-talba għal separazzjoni, fil-kawża odjerna, titqies bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju, ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili[1].

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrent" u/jew l-"attriċi" u/jew "l-omm" u għal C B bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut" u/jew "il-missier" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, sostitwita b'kawża ta' divorzju. Illi inoltre, l-konvenut ipprevalixxa ruħu mill-fakolta` li tagħtih il-liġi sabiex iressaq il-kontro-talba tiegħu.

Il-Qorti rat id-digriet tagħha tas-6 t'Ottubru 2015, illi permezz tiegħu il-Qorti laqgħet it-talba tal-partijiet għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom; Illi permezz tal-istess rikors fejn talbu t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-partijiet inkorporaw ftehim għall-assenjazzjoni tal-beni u d-djun formanti parti l-istess komunjoni. Dan il-ftehim, li ġie nkorporat *in toto* fis-sentenza preliminari tas-6 t'Ottubru 2015, jistipula kif ġej:

Illi l-fond bin-numru tletin (30), fi Triq is-Sorijiet, San Ġiljan jinbiegħ lil terzi għas-somma finali ta' mitejn, disgħa u sebgħin elf u ħames mitt Ewro (€279,500). Mir-rikavat, l-ewwel għandu jitħallas id-dejn mal-banek lokali fejn hemm self garantit b'ipoteki fuq l-istess fond. Imbagħad, l-attriċi A B għandha tingħata s-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000) filwaqt li mill-bilanċ li jkun għad fadal, l-

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

ewwel għandu jitħallas id-dejn relatat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u d-dejn pendenti mal-ARMS Limited għall-kontijiet tad-dawl u l-ilma dovuti sad-data tal-kuntratt finali. Wara li jkunu tħallsu tali ammonti, kwalunkwe ammont rimanenti għandu jmur versu C B.

Illi bis-saħħa ta' dan il-ftehim milħuq bejn il-partijiet, huma ddikjaraw li kienu lesti jċedu l-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' talba attriċi, kif ukoll it-tielet, ir-raba', l-ħames, is-sitt[2], is-seba' u t-tmien kontro-talba[3]. Illi minkejja li dawn it-talbiet ma ġewx effettivament ċeduti mill-partijiet, bis-saħħa tal-ftehim bejniethom, l-istess talbiet ġew eżawriti u għaldaqstant il-Qorti ser tastjeni milli tieħu kwalsiasi konjizzjoni tagħhom.

Illi għalhekk jibqa' pendenti għad-deċiżjoni tal-Qorti, it-talbiet tal-attriċi sabiex il-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba sevizzi, eċċessi, minaċċi u nġurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta' martu l-attriċi, kif ukoll minħabba inkompatibilita` serja ta' karattri;
- Tiġi afdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri S u R b'aċċess għall-konvenut;
- Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment xieraq lill-attriċi għaliha u għal uliedha minuri; liema manteniment minflok jitħallas mensilment, ikun likwidat f'somma kapitali pagabbli lill-attriċi u/jew propjeta` immobbli li tiġi assenjata lill-attriċi;

Baqa' wkoll pendenti l-kontro-talbiet tal-konvenut, sabiex il-Qorti:

- Tagħti l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ lill-attriċi;
- Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri S u R konġuntivament bejn il-partijiet, bil-ħatra ta' ħaddiem soċjali sabiex jirrelata ma' liema mill-ġenituri aħjar illi jirrisjedu t-tfal, salv id-dritt ta' aċċess liż-żewġ partijiet;

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-provi f'din il-kawża kienu mill-iktar skarsi u skjetti. Biss biss jintqal illi ħadd mill-partijiet ma ppreżenta l-

---

[2] Effettivament il-konvenut ħalla s-sitt kontro-talba tiegħu barra

[3] Rikors konġunt tal-partijiet iddatat is-16 ta' Settembru 2015, fol. 436

affidavit tiegħu jew ta' xhieda oħra u li l-partijiet qatt ma nstemgħu mill-Qorti minkejja li l-Qorti allokat mill-inqas żewġ seduti intiżi għas-smigħ tagħhom. Huwa prinċipju legali qadim u rikonoxxut illi *quod non est in acta, non est in mundo* u għalhekk il-Qorti ma tistax għajr tgħaddi għall-konsiderazzjonjiet u l-ġudizzju tagħha fuq dak li huwa fil-proċess.

## 1. <u>Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ</u>

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha diversi tortijiet għat-tkissir taż-żwieġ fosthom is-sevizzi, l-eċċessi, il-minaċċi u l-inġurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront tagħha. Il-konvenut, filwaqt illi ma jopponix għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, jgħid illi l-ħtijiet huma imputabbli lill-attriċi; Huwa jattribwixxi lil martu l-ħtijiet tas-sevizzi, l-inġurji gravi, it-theddid u l-vjolenza morali.

### 1.1 Provi Prodotti

Il-partijiet iżżewġu fit-23 ta' Jannar 1999, fil-Knisja tal-Balluta[4]. L-attriċi kellha biss sbatax-il (17) sena, u l-konvenut kellu tletin (30) sena.

L-attriċi tallega[5] illi kien ilha snin tbati minn vjolenza fiżika u psikoloġika mill-konvenut, li saħansitra hedded illi ser joqtolha quddiem surġent tal-Pulizija fl-Għassa ta' San Ġiljan. Huwa jgħajjarha quddiem in-nies u jinfluwenza lill-ulied negattivament kontra ommhom tant illi l-iben il-kbir S ikun aggressiv fil-konfront t'ommu u juża kliem oxxen, dispreġġjattiv u insolenti fil-konfront tagħha. Wasal biex jheddidha bi kliem bħal "ser intiha xeba mus" u "li m'għamilx missieri nagħmlu jien".

Hija tispjega illi l-partijiet kienu mġiegħla jiżżewġu mill-familja tal-intimat meta hija kellha biss sbatax-il sena, peress li hija kienet tqila bl-ewwel wild tagħhom[6]. Sa mill-ewwel xhur taż-żwieġ l-intimat qatt ma wera rispett lejha u kien ikun fiżikament vjolenti fil-konfront tagħha.

[4] Iċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv jinsab esebit fol. 5
[5] Rikors tal-attriċi ddatat id-9 t'Ottubru 2012.
[6] Rikors tal-attriċi ddatat 30 ta' Settembru 2013

Hija ppreżentat sett ta' rapporti li hija għamlet fil-konfront ta' żewġha. Dawna jmorru lura sal-2003, fejn hija kienet qed tirrapporta episodji ta' tkeċċija mid-dar, argumenti vjolenti, theddid, swat fuq il-minuri. Fost dawn ir-rapporti, dak iddatat it-22 t'Awwissu 2011[7], jikkonferma illi l-konvenut quddiem il-Pulizija beda jgħid illi ser joqtol lil martu u jekk jerġa jmur id-dar, huwa ser joqtolha żgur. Ir-rapporti tal-vjolenza kienu kkorraborati minn ċertifikati mediċi maħruġa minn tobba fiċ-ċentri tas-saħħa. L-attriċi ssostni li hija ma kinitx tirrapporta kull inċident li jkun hemm bejniethom iżda biss dawk l-iktar gravi. Il-proċeduri kriminali ma tantx kienu qed iħallu l-eżitu mixtieq li jikkalmaw is-sitwazzjoni, iżda li din kull ma jmur tiggrava.

Il-konvenut jinnega l-verżjoni tal-attriċi li huma ġew imġiegħla jiżżewġu lil xulxin u li ż-żwieġ beda fuq sieq ħażina mill-bidu nett[8]. Jgħid li l-problemi bdew jinqalgħu wara li l-attriċi xtrat sehemha mid-dar matrimonjali. Jsostni li huwa qatt ma nstab ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu wara l-allegazzjonijiet li kienet tagħmel martu mal-Pulizija. Jgħid li martu tipproġetta ruħha bħala vittma ta' vjolenza domestika meta tkun hi stess li tinstiga l-inkwiet sabiex ikollu għalfejn jitkeċċa mid-dar. Dwar dan, huwa esebixxa żewġ rapporti tal-Pulizija[9].

### 1.2 Dwar l-eċċessi, l-moħqrija, l-minaċċi u l-inġurji gravi

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[10] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

---

[7] Dok POL 6.

[8] Risposta tal-konvenut iddatata 25 t'Ottubru 2013.

[9] Dokumenti A u B mehmużin mar-risposta tiegħu iddatata 25 t'Ottubru 2013

[10] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[11] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[12] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[13]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, **l-inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *"eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

### 1.3 Applikazzjoni tal-prinċipji legali għall-każ odjern

In vista tal-inċidenti koroh li kienu qegħdin jinqalgħu fid-dar matrimonjali anke bejn l-omm u t-tifel il-kbir, il-Qorti permezz ta' digriet iddatat l-24 t'April 2014, awtorizzat lill-attriċi tallontana ruħha

[11] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[12] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[13] Vol. XLV C.ii.708

mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri R. Il-konvenut ġie inibit milli jersaq lejn ir-residenza tal-attriċi.

Il-Qorti hija tal-fehma illi hemm biżżejjed provi illi jindikaw illi l-konvenut huwa ħati ta' moħqrija u theddid. Anke jekk qatt ma nstab ħati kriminalment tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu, m'hemmx dubju li kien vjolenti fiżikament fil-konfront ta' martu, kif jirriżulta miċ-ċertifikati mediċi; kif ukoll vjolenti psikoloġikament bħall-inċident meta qalilha li kien sejjer jaqbeż minn Ħad-Dingli, u meta ġie mfittex mill-Pulizija instab trankill ġewwa Ħal-Luqa, u stqarr magħhom li qalilha dak il-kliem biex jagħtiha lezzjoni[14]. Vjolenti psikoloġikament ukoll meta ma baqax jgħaddilha flus, ħalli tkun totalment dipendenti fuqu, tant li lanqas kellha biżżejjed biex taqbad tal-linja u tmur tara lil ommha! It-theddid fil-konfront ta' martu "li ser joqtolha" wettqu saħansitra quddiem l-uffiċjali tal-Pulizija. Wieħed jista' biss jimmaġina x'kien jintqal *behind closed doors*. It-theddid tal-minuri fil-konfront ta' ommhom m'huwiex għajr riżultat tal-eżempju mogħti lilhom minn missierhom u repetizzjoni tal-kliem tiegħu. Il-minuri R ta' disa' snin kien diġa qed jgħid li sejjer jaqbeż!!

Dwar il-ħtijiet addetti lill-attriċi, minkejja li l-konvenut jittenta jiskolpa ruħu minn kull ħtija, fl-istess ħin, ma ressaq ebda prova tal-ħtijiet ta' martu fit-tkissir taż-żwieġ. Fil-waqt li l-attriċi kellha diversi nuqqasijiet fit-trobbija ta' uliedha, li l-Qorti telabora fuqhom iktar 'il quddiem, ma nġiebet ebda prova tal-ħtijiet tagħha fit-tkissir taż-żwieġ.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtija tal- konvenut li rrenda ruħu ħati ta' nġurji gravi u moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-attriċi.

### 1.4 Dwar it-talba għall-pronunzjament tad-divorzju

Rigward it-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-liġi, permezz tal-Artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili, tagħti l-fakolta` lil kull parti f'kawża ta' separazzjoni, li f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Kif intqal, il-Qorti diġa laqgħet it-talba għall-konverżjoni tal-azzjoni odjerna tas-separazzjoni f'divorzju.

[14] Rapport tal-Pulizija ddatat id-9 ta' Mejju 2010, Dok AC 5

Jonqos għalhekk illi l-Qorti tevalwa jekk it-talba għax-xoljiment taż-żwieġ ossija d-divorzju, għandhiex tiġi akkolta.

Biex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, l-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57.[15]

L-attriċi tallega, li l-partijiet ilhom *de facto* separati sa minn qabel Marzu 2011, meta bdiet il-korrispondenza rigward is-separazzjoni personali. Il-konvenut ma jikkontradixxiex dan.

Għaldaqstant, mill-provi mressqa gie sodisfatt dak rikjest bl-Artikolu 66B, ġja ċċitat, għall-ksib tad-divorzju.

## 2. Dwar il-Kura u l-Kustodja tal-Minuri Shaun u R

Illi ulied il-partijiet S u R twieldu fit-30 ta' Ġunju 1999[16] u fis-7 ta' Novembru 2005[17] rispettivament.

L-attriċi titlob li tiġi fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja ta' uliedha minuri; filwaqt illi l-konvenut jitlob illi din tibqa' waħda konġunta bejn iż-żewġ ġenituri.

Minkejja t-talba tal-attriċi li tkun fdata bil-kura u l-kustodja taż-żewġ uliedha, jidher li effettivament ma kinitx lesta li tieħu magħha lil S, għaliex bejn l-omm u l-iben il-kbir, l-imsemmi S, ikun hemm diżgwid

[15] Rekwiżiti mposti mill-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili.
[16] Iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 7
[17] Iċ-ċertifikat tat-twelid relattiv jinsab esebit fol. 6

kbir, xi drabi argumenti wkoll vjolenti. Fil-fatt, l-omm talbet illi l-minuri R ma jibqax jgħix ma ħuh sabiex ma jiġix dan ukoll imħassar mill-għemil vjolenti ta' missieru u mill-eżempju ħażin ta' ħuh.

Rigward il-kondizzjoni u l-benessere tal-ulied minuri, l-Qorti[18] ħatret lill-Psikologa Carmen Sammut bħala esperta psikologa, u din ħejjiet rapport bir-rakkomandazzjonijiet tagħha[19]. Wara li ffissat ħmistax-il appuntament, irriżulta s-segwenti:

- Il-minuri S m'attendiex għal-laqgħat li kellhom isiru miegħu fil-preżenza t'ommu, minkejja li missieru qallu biex jattendi.
- Il-konvenut ilmenta li ma jafx għaliex A riedet tissepara u li qatt ma ħalla l-familja nieqsa finanzjarjament. Ilmenta li hija kienet tqatta' ħafna ħin fuq il-kompjuter u li kienu jilletikaw meta kien jitlobha titfih. Qal li martu ma kinitx tieħu t-tfal il-Knisja għax ma temminx b'dawn l-affarijiet.
- Dwar it-tfal, għalkemm huwa xtaq li jmorru t-tnejn miegħu, qal li għandhom imorru fejn huma l-aħjar. Imbagħad qal, li ladarba kienet A li riedet tissepara, it-tfal kellhom imorru miegħu.
- C qal li d-disgwid bejn l-omm u l-iben il-kbir kien tant kbir li kien dejjem jibża' li sakemm ikun ix-xogħol "jagħmel xi waħda". "Il-kbir u hi ma jaqblu xejn – il-biża' tiegħi hi li jiġri li waħda meta jkunu flimkien."
- A spjegat lill-psikologa li żewġha qatt ma trattaha tajjeb u li kien jerfa' jdejh fuqha u jikkawżalha wkoll abbuż mentali. "ġejt imsawwta, flus ma jtiniex...rabba lit-tfal mingħajr rispett lejja."
- S ibati minn ADHD (Attention Deficit Hyperactivity Disorder).
- Skond l-omm, S huwa mgħawwi kontriha minn missierha u l-familja tiegħu. Missieru kien iħallih barra sa 1pm u jagħtih ix-Shandy minkejja l-eta` żgħira tiegħu. S jibbulija lil R, jsawtu bl-addoċċ, jkellmu ħażin u jwaddablu l-affarijiet. Għandu attitudni ħażina lejn in-nisa, għax hekk mgħallem minn missieru.
- Ma tridx li S jgħix magħha għax "jerġa jaħseb li hu l-kap tal-familja", għalkemm jista' jmur jara lil ħuh kuljum.

[18] permezz ta' digriet iddatat it-28 t'Ottubru 2013
[19] Ippreżentat fil-21 ta' Frar 2014.

- Dwar il-minuri R, qalet li meta jkun waħdu jgħidilha li jħobbha, iżda quddiem missieru jgħajjarha. Ma xtaqitx titilfu.
- Spjegat li temmen li R seta' jkun aħjar magħha għax tgħinu fix-xogħol tal-iskola, għandha iktar dixxiplina, ma turihx ħdura lejn missieru, tieħdu u tagħmel attivitajiet adattati għalih, tifhmu aħjar u dak li jkun irid u li hi iktar involuta miegħu.
- S kapaċi jirraġuna sew imma ma jiddejjaqx jikser ir-regoli, m'għandux rispett adegwat għall-awtorita`, ma jifhimx sew il-konsegwenxi tal-azzjonijiet tiegħu, jemmen li ħadd ma jindaħallu f'dak li għandu jagħmel.
- Xtaq li jgħix ma' missieru għax ikun hemm inqas garr u sikkatura, għaliex ommu titrattah bħal tifel ta' 8 snin. Lil ommu jixtieq jaraha, imma meta jrid huwa biss.
- Il-minuri R kien kuntent joqgħod ma' kwalunkwe miż-żewġ ġenituri.
- Kien hemm qbil kostanti li s-sitwazzjoni fid-dar kienet ħażina b'ħafna ġlied u tgħajjir kontinwu.

Għab-bażi ta' dan ir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet tal-psikologa, il-Qorti rregolat is-sitwazzjoni *pendente lite* permezz ta' digriet iddatat l-24 t'April 2014, fejn awtorizzat lill-attriċi titlaq mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri R u dana in vista tad-disgwid anke vjolenti bejn l-omm u l-minuri S, kif diġa ntqal. Il-Qorti ordnat aċċess tal-missier versu R kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħamis bejn il-5.00pm u s-7.00pm. Fil-weekend alternattivament mill-Ġimgħa fil-5.00pm sal-għada s-Sibt fil-5.00pm, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fil-5.00pm sal-Ħadd fil-5.00pm. S jara lil ommu jekk ikun irid hu biss.

Skond il-verbal tal-udjenza tat-28 t'Ottubru 2014[20], il-partijiet ftehmu fis-sens illi l-konvenut kellu jiġbor lill-minuri mid-dar t'ommu kull nhar ta' Tlieta u Ħamis nofs siegħa qabel il-ħin tal-mużew, u jirritornah fir-residenza tal-omm sas-7.00pm. Fil-weekend, l-omm twassal lill-minuri għall-aċċess u wara l-aċċess il-missier jirritornah fid-dar tal-omm.

[20] Fol. 418

Il-Qorti reġgħet ħatret lill-Psikologa Carmen Sammut sabiex tirrelata dwar is-sitwazzjoni tal-minuri, u din ħejjiet rapport it-tieni rapport bir-rakkomandazzjonijiet tagħha[21].

Minn dan ir-rapport jirriżulta illi l-minuri S kien jgħix mal-missier filwaqt illi l-minuri R kien jgħix mal-omm. Il-missier kien inkwetat ħafna li l-minuri ma kienx qed jgħix miegħu, meta kienet l-omm li riedet is-separazzjoni. Il-missier qal li jħoss "għafsa ta' qalb" meta R jistaqsih "Min keċċieni mid-dar?" u li anke "jaqbeż mill-gallarija jew jaħrab". Qal li l-omm tfallilu ħafna skola, li lanqas għandu biex jilgħab għand ommu, sab skuter barra u qed jilgħab bih.

Min-naħa tagħha, l-omm qalet li R kien issetiljat. Kien ikun ma jiflaħx spiss fil-vann tal-iskola. Kien qed iħossha aħjar li għall-aċċess kien qed imur missieru għalih bil-karozza, milli ħafna ġiri bil-karozza tal-linja. S mar għandha darbtejn biss minn mindu telqet mid-dar. Żiedet illi R wara l-aċċess mal-missier, imur għandha b'attitudni negattiva lejha. Ċaħdet li kienet ittelfu l-iskola iżda li huwa S li jfalli ħafna skola u ma jagħmilx ix-xogħol tad-dar. Allegat li l-missier, lil R ma riedx jagħtih il-ġugarelli li kellu u wkoll li hi tibgħatu għall-aċċess bi ħwejjeġ tajbin, u t-tifel imur lura bi ħwejjeġ żgħar u jintnu.

Miż-żewġ laqgħat li l-psikologa kellha mal-minuri R, dan ma kienx jidher tajjeb. Kellu rabja lejn ommu u litanija ta' lmenti fil-konfront tagħha. Ilmenta illi:

- jagħmel il-homework waħdu għax "toqgħod twerżaq";
- li tkun ħafna fuq il-kompjuter flok tagħti l-attenzjoni lilu;
- li dejjem weħidhom id-dar u li m'għandux ma' min jilgħab;
- li darba waqqa' ż-żejt fuq saqajh meta pprova jsajjar ic-chips hu għax ommu ma kinitx issajjarlu;
- li kien qed ikollu jaqbad il-van għall-iskola kmieni ħafna u li jkun ma jiflaħx fil-vann;
- li għandu kelb għand ommu imma ma jistax jilgħab bih għax dejjem maqful fil-bitħa;
- li hu jixtieq ħobż tal-Malti għall-lunch l-iskola imma li ommu tibqa' ttih il-ħobż tal-kexxun jew bziezen.

[21] Ipprezentat fil-5 ta' Diċembru 2014, fol. 422

- Il-fatt li hu ma baqax jgħix f'San Ġiljan, tilef il-ħajja li kien jaf qabel. Għalkemm baqa' fl-istess skola, kellu jibda jmur bil-vann, bi vjaġġ li jibda kmieni għaliex jiġbru lilu l-ewwel. Naqaslu l-kuntatt mal-kuġini, l-attivita ta' abbati, attivitajiet li jorganizzaw il-mużew u kien il-bogħod minn missieru u ħuh.

Il-psikologa nnotat li l-minuri R inqabad sewwa fil-konsegwenzi ta' dak illi ġara minħabba s-separazzjoni tal-ġenituri tiegħu. Huwa tilef id-dar li hu kien jidentifika bħala 'home'. Il-minuri stqarr magħha li kien jimmissja San Ġiljan imma "l-aktar lid-daddy", wera x-xewqa li huwa, bħal ħuh S, jgħix ma missieru, u jara lil ommu meta jrid. Il-psikologa reġgħet irrakkomandat bis-sħiħ il-*parental coaching* għal dawn il-ġenituri, speċjalment għall-ġid tal-minuri R.

Fl-udjenza tat-2 ta' Ġunju 2015[22], il-Qorti ġiet infurmata illi l-partjiet qegħdin jattendu sessjonijiet ta' parental coaching u l-konvenut kien lesta s-sessjonijiet tiegħu. Deher ukoll is-sur Stephen Libreri li kien qiegħed jagħti dan il-coaching lill-partijiet.

Fl-istess udjenza, l-partijiet qablu li fil-ġranet kollha tal-ġimgħa minbarra l-Ħamis, il-missier ser jgħaddi għall-minuri fil-5.00pm minflok fl-4.00pm u jirritornahom fit-8.00pm minflok fis-7.00pm, sakemm jintemmu l-eżamijiet.

Fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2015, il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-minuri R li beda jirrisjedi wkoll mal-missier[23], b'aċċess għall-omm.

Il-Qorti tirrileva li iben il-partijiet S, sal-preżenti għalaq it-tmintax-il sena u għalhekk m'għadx baqa' kwistjonijiet dwar il-kura u kustodja tal-imsemmi S.

Min-naħa tiegħu, R wasal biex jagħlaq it-tnax-il sena. Huwa preżentement jgħix mal-missier u jiltaqa' regolarment ma' ommu. Jidher li kulħadd huwa kuntent b'dan l-arranġament.

Sfortunatament jirriżulta illi ż-żewġ ġenituri naqsu sew fir-rigward tat-trobbija t' uliedhom. Il-missier tahom eżempju ferm ħażin ta' kif

[22] Fol. 431
[23] Minn Ottubru 2015

għandhom iġibu ruħhom ma' ommhom u man-nisa b'mod ġenerali. Għallimhom kliem mhux xieraq, ippermetta lil ibnu jixrob l-alkoħol u ħallih barra sakemm irid, bil-konsegwenza li dan it-tifel iħoss li ħadd ma' jista' għalih u m'għandu l-ebda rispett lejn l-awtorita`. L-omm tidher li mill-bidu ma kinitx taqbel ma' S, forsi minħabba l-eta' tenera tagħha meta twieled, forsi minħabba li ħassitha kostretta tiżżewweġ lill-intimat minħabba t-tqala tiegħu. Inoltre, minkejja li ma kellhiex impjieg barra mid-dar, naqset illi tagħti lill-minuri R l-attenzjoni li kien jeħtieġ mas-separazzjoni tal-ġenituri (ma toħorġux u ma ssajjarlux, b'mod illi l-minuri ħassu waħdu waqt li ommu kienet tqatta' ħafna ħin fuq il-kompjuter!!) Il-Qorti tittama li bis-saħħa tas-sessjonijiet tal-*parental coaching* dawn l-iżbalji min-naħa taż-żewġ ġenituri m'għadhomx isiru.

Il-Qorti tirrileva illi l-arranġament li waslu għalih il-partijiet bi qbil bejniethom, u cioe li l-minuri R ukoll jirrisjedi mal-missier, ħalla lil dawk kollha nvoluti kuntenti. Sfortunatament diversi mill-ilmenti ta' R, li kienu marbuta mal-fatt li kien qed iħoss in-nuqqas tar-residenza ta' San Ġiljan, f'dan l-istadju, ma jista' jsir xejn dwarhom, in vista li d-dar matrminonjali tal-partijiet ġewwa San Ġiljan ġiet mibjugħa lil terzi u l-missier x'aktarx li qiegħed jirrisjedi f'lokalita` oħra flimkien m'uliedu. Billi jgħix ma' missieru, almenu R ma jħossx iktar in-nuqqas tiegħu u wkoll ta' ħuh, ħaġa li kienet affettwatu ħazin meta l-aħwa ġew mifrudin. (minkejja li S xi drabi jkun ferm bully fil-konfront ta' ħuh u saħansitra jsawtu – Il-Qorti tittama li dan is-swat kien biss riżultat tat-tensjoni kbira u l-ġlied kontinwu li kien iseħħ fid-dar, u li għalhekk issa m'hemmx iktar l-opportunita` u l-ambjent biex dan is-swat jibqa' jseħħ.)

Illi ladarba bl-arranġjanment preżenti, kulħadd huwa kuntent, partikolarment il-minuri R, il-Qorti tara li ma teżisti l-ebda raġuni għaliex għandha tbiddel dan il-*modus vivendi* stabbilit għal dawn l-aħħar sentejn mill-istess partijiet. Għalhekk filwaqt li ser iżżomm il-kura u l-kustodja tal-minuri R bħala waħda konġunta, qed tordna illi R jibqa' jirrisjedi regolarment mal-konvenut. Deċiżjonijiet ta' natura straordinarja dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri għandhom jittieħdu mill-ġenituri flimkien, jew f'każ ta' emerġenza minn ġenitur wieħed li jinforma lill-ġenitur l-ieħor, mill-aktar fis possibbli.

Huwa wkoll importanti li l-minuri jżomm kuntatt tajjeb mal-omm, li minkejja n-nuqqasijiet tagħha, lit-tifel tħobbu u tixtieq tarah jitrabba aħjar milli tela' ħuh. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tordna aċċess tal-attriċi versu l-minuri kull nhar ta' Erbgħa mill-5.00pm sat-8.00pm u

kull tmien il-ġimgħa b'mod alternattiv bejn *weekend* u ieħor, b'dana illi *weekend* wieħed l-aċċess tal-omm ikun mill-Ġimgħa fil-5.00pm sal-Ħadd fit-8.30am u l-*weekend* ta' wara, fil-ġurnata tal-Ħadd mit-8.30am sas-6.30pm. Fil-ġranet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid il-Kbir, għeluq snin l-omm u għeluq snin il-minuri, l-attriċi jkollha aċċess addizzjonali bejn it-3.00pm u t-8.00pm. Il-ġenituri għandhom id-dritt li jkunu t-tnejn preżenti fi ġranet importanti f'ħajjet il-minuri bħalma huma Parents Day, Sports Day, Prize Day u f'Jum il-Griżma; Il-missier għandu jwassal lill-minuri għall-aċċess fir-residenza tal-omm, u jerġa jiġbru mill-istess residenza (fin-nuqqas ta' ftehim differenti) fi tmien l-aċċess.

## 3. Dwar il-Manteniment

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tillikwida ammont adegwat ta' manteniment xieraq kemm għaliha kif ukoll għal uliedha minuri; liema manteniment minflok jitħallas mensilment, ikun likwidat f'somma kapitali pagabbli lill-attriċi u/jew propjeta` immobbli li tiġi assenjata lill-attriċi bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet 54(5), (6), (7) u (8) tal-Kodiċi Ċivili; Il-konvenut m'opponix it-talba sabiex jivversa manteniment għal uliedu S u R. Iżda huwa oppona t-talba tal-attriċi għall-manteniment tagħha, tenut kont tal-ħtijiet tagħha fit-tkissir taż-żwieġ, ukoll tal-eta` żgħira tagħha li jagħmilha faċli għaliha li ssib impjieg;

Dwar l-introjtu tal-konvenut, l-attriċi ssostni[24] li huwa jaqla s-somma ta' €1236.88 kull ħmistax/erba' ġimgħat minn xogħol ta' kostruzzjoni bħala self-employed, allegazzjoni li m'hijiex korraborata. F'rikors ieħor tallega li jaqla' €1000 kull ħmistax-il ġurnata mingħand kumpanija li jisimha Sphinx Creations Limited. Mix-xiehda ta' Cris Falzon[25], rappreżentant ta' Sphinx Creations Limited, irriżulta fis-sena 2013, il-konvenut qala' s-somma netta ta' €13,480[26]. F'ħames xhur, fis-sena 2012, huwa qala s-somma netta ta' €5,586[27].

[24] Rikors tal-attriċi ddatat id-9 t'Ottubru 2012.
[25] Mogħtija fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 391
[26] Minn introjtu gross ta' €15,525, naqqas €544 taxxa u €1501 kontribuzzjonijiet tas-Siġurta` Soċjali
[27] Minn introjtu gross ta' €6,423, naqqas €211 taxxa u €626.11 kontribuzzjonijiet tas-Siġurta` Soċjali

Għaldaqstant f'din l-epoka, l-konvenut kien jipperċepixxi s-somma ta' cirka elf u mitt Ewro (€1,100) netti kull xahar.[28]

Min-naħa tagħha, l-attriċi qatt ma ħadmet barra mid-dar għaliex iżżewġet ta' sbatax-il sena. Inoltre, fi kliemha "hija unskilled u sprovvista minn kwalifiki u esperjenza fix-xogħol"[29]

L-attriċi tgħid illi l-konvenut kien jgħaddilha s-somma ta' €150 fil-ġimgħa bħala manteniment għaliha u għat-tfal, flimkien mal-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni. Illi meta rċieva r-rikors ġuramentat beda jgħaddilha biss €100 fil-ġimgħa. Hija għamlet stima ta' dak illi teħtieġ biex tgħajjex lill-minuri R B u dana laħħaq is-somma ta' sitt elef u tmein mitt (€6,800) fis-sena[30].

Is-sitwazzjoni *pendente lite* kienet regolata mid-digriet tat-28 t'Ottubru 2013 fejn il-Qorti ordnat lill-intimat iħallas lill-attriċi is-somma ta' €400 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tagħhom. Il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attriċi ta' mantenimet għaliha. Permezz ta' digriet iddatat l-24 t'April 2014, il-manteniment ġie ridott għal nofs stante illi S kien ser jibqa' jgħix mal-missier, mentri l-minuri R kellu jirrisjedi mal-omm li ġiet awtorizzata titlaq mid-dar matrimonjali.

Fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2015, il-Qorti ġiet infurmata illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-minuri R li beda jirrisjedi wkoll mal-missier[31], b'aċċess għall-omm. In vista ta' dan, il-Qorti permezz ta' digriet iddatat id-29 ta' Jannar 2016[32], waqfet l-obbligu tal-ħlas tal-manteniment tal-konvenut versu ibnu R u ordnat illi l-omm tħallas €150 fix-xahar bħala manteniment għall-minuri, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u edukazzjoni tiegħu. Illi fir-risposta tal-konvenut għar-rikors tal-attriċi ddatat l-10 t'April 2017, il-konvenut sostna illi kemm kien ilhom jgħixu miegħu il-minuri, l-omm naqset għal kollox milli tikkontribwixxi għat-trobbja tagħhom u sabet skuża wara oħra biex tabdika mir-responsabilitajiet tagħha lejn uliedha.

Fir-rigward tal-manteniment għall-minuri R, il-Qorti tirrileva li jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqgħet fuq il-konvenut.

---

[28] L-FS3s relattivi huma esebiti fol. 395 u 396

[29] Rikors tal-attriċi tat-30 ta' Settembru 2013

[30] Dokument AC2, anness mar-rikors tal-attriċi tad-9 t'Ottubru 2012.

[31] Minn Ottubru 2015

[32] Fol. 455

L- artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16) tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu wliedhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri. Din il-Qorti dejjem irritjeniet ukoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri iżda huwa obbligu assolut.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda tikkonferma d-digriet tagħha tad-29 ta' Jannar 2016, billi tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) kull xahar, bħala manteniment għall-minuri R, kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild minuri. Il-manteniment jitħallas sakemm R jilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena u fl-eventwalita li huwa jibqa' jistudja jew jitħarreġ b'mod fiss meta jkun maġġorenni, il-manteniment jibqa' jitħallas sal-eta' ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm ikollu mpjieg fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-attriċi.

Il-konvenut jipperċepixxi ċ-*children's allowance* u kwalsiasi benefiċċju ieħor dovut għall-minuri.

Dana mingħajr preġudizzju għall-ħlas potenzjalment dovut mill-attriċi lill- konvenut ta' kwalsiasi arretrati ta' manteniment u/jew spejjeż edukattivi u mediċi, sal-preżenti.

Dwar it-talba tal-attriċi għall-manteniment għaliha, jiġi rilevat illi hija f'dan l-istadju, għandha l-potenzjal kollu li żżomm lilha nnifisha materjalment, mingħajr il-ħtieġa ta' manteniment mingħand żewġha. Għadha żgħira fl-eta` ta' ċirka ħamsa u tletin sena u m'għandha ebda

diffikulta` jew impediment sabiex tibda taħdem u taqla' l-għixien tagħha (u ta' binha minuri) bħal ħaddieħor. Stante l-ilment tagħha li hija m'għandhiex kwalifiċi neċessarji għax-xogħol, tista' ssib xogħol fejn tingħata t-taħriġ neċessarju, jew ossia taħdem xogħol li ma jeħtieġ ebda ħiliet partikolari, u fl-istess waqt tibda xi studju jew taħriġ bil-għan li jkollha xogħol aħjar. L-attriċi m'hijiex qed trabbi xi ulied ta' eta` żgħira u għalhekk għandha l-ħin kollu għad-dispożizzjoni tagħha. Il-Qorti għalhekk, filwaqt li f'dan l-istadju m'hijiex ser tikkonsidra li tiffissa manteniment għall-attriċi pagabbli mingħand żewġha l-konvenut, iżżid illi l-attriċi bl-ebda mod ma tilfet il-jedd tagħha ta' manteniment mingħand żewġha u dan peress li kif intqal qabel, ma nstabx illi hija kellha xi ħtija fit-tkissir taż-żwieġ.

## **DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża**,** billi:

[1] Tiddisponi mill-ewwel talba attriċi u mill-ewwel kontro-talba billi tilqa` t-talba għall-ħall taż-żwieġ (divorzju) bejn il-partijiet konjuġi B.

[2] Tiddisponi mit-tieni talba attriċi u mit-tieni kontro-talba billi żżomm il-kura u l-kustodja tal-minuri R bħala waħda konġunta, filwaqt illi tordna illi R jibqa' jirrisjedi regolarment mal-konvenut. Deċiżjonijiet ta' natura straordinarja dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri għandhom jittieħdu mill-ġenituri flimkien, jew f'każ ta' emerġenza minn ġenitur wieħed li jinforma lill-ġenitur l-ieħor, mill-aktar fis possibbli. Tordna aċċess tal-attriċi versu l-minuri kull nhar ta' Erbgħa mill-5.00pm sat-8.00pm u kull tmien il-ġimgħa b'mod alternattiv bejn *weekend* u ieħor, b'dana illi *weekend* wieħed l-aċċess tal-omm ikun mill-Ġimgħa fil-5.00pm sal-Ħadd fit-8.30am u l-*weekend* ta' wara, fil-ġurnata tal-Ħadd mit-8.30am sas-6.30pm. Fil-ġranet tal-Milied, l-Ewwel tas-Sena, l-Għid il-Kbir, għeluq snin l-omm u għeluq snin il-minuri, l-attriċi jkollha aċċess addizzjonali bejn it-3.00pm u t-8.00pm. Il-ġenituri għandhom id-dritt li jkunu t-tnejn preżenti fi ġranet importanti f'ħajjet il-minuri bħalma huma Parents Day, Sports Day, Prize Day u f'Jum il-Griżma; Il-missier għandu jwassal lill-minuri għall-aċċess fir-residenza tal-omm, u jerġa jiġbru mill-istess residenza (fin-nuqqas ta' ftehim differenti) fi tmien l-aċċess.

[3] Tiddisponi mit-tielet talba attriċi billi, f'dan l-istadju, tiċħad it-talba tal-attriċi għall-manteniment għaliha filwaqt illi tordna lill-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) kull xahar,

bħala manteniment għall-minuri R, kif ukoll nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-istess wild minuri. Il-manteniment jitħallas sakemm R jilħaq l-eta` ta' tmintax-il sena u fl-eventwalita li huwa jibqa' jistudja jew jitħarreġ b'mod fiss meta jkun maġġorenni, il-manteniment jibqa' jitħallas sal-eta' ta' tlieta u għoxrin sena jew sakemm ikollu mpjieg fiss, liema minn dawn iċ-ċirkostanzi tavvera ruħha l-ewwel. Il-manteniment jiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jinqata' direttament mill-introjtu jew minn kwalsiasi benefiċċju perċepit mill-attriċi.

[4] Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrenti;

[5] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet u l-kontro-talbiet rimanenti.

Dwar il-kap tal-ispejjeż, in vista tal-ħtijiet tal-konvenut fit-tkissir taż-żwieġ, l-ispejjeż ikunu sopportati mill-istess konvenut.